**MALTA**
**TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA**

**MAGISTRAT DR. CHARMAINE GALEA**
**MR. ALFRED PERINI**
**DR. ANDREW SCIBERRAS**

**Illum 2 ta' Lulju 2018**

**Rikors Numru 14/2016**

**Paul Patrick Muscat**

**Vs**

**Awtorita` ghat-Trasport f'Malta**

## It-Tribunal,

Ra r-rikors ipprezentat minn **Paul Patrick Muscat** fit-23 ta' Frar 2016 li permezz tieghu ppremetta s-segwenti:-

*"*

1. *Illi l-esponent gie notifikata b'decizjoni mehuda mill-Awtorita' ghat-*Trasport F'Malta *fit-2 ta' Frar, 2016 u notifikata lill-appellant fis-6 ta' Frar, 2016 – kopja annessa bhala Dok A. Illi din is-sentenza tghid li l-esponent kiser ir-Regolamenti tal-S.L. 65.15 u per konsegwenza huwa gie mmultat ai termini tal-istess Regolamenti.*

2. *Illi ghalhekk l-appellanti qed tintavola dan l-umli appella a tenur tal-Kap 490 tal-Ligijiet ta' Malta u Artiklu 22 ta' S.L. 65.15 l-aggravju principali huwa li ma kienx hemm apprezzament gust tal-provi u fatti rigwardanti l-kaz.*

3. *Illi b'referenza ghal kaz in kwistjoni l-appellant qieghed jikkontesta l-allegazzjoni li VRT test fuq il-vettura BMW bin-numru tar-registrazzjoni AFG-003 sar minn Aaron Muscat.*

4. *Illi kif ser jirrizulta mill-provi l-VRT test i fuq il-vettura in kwistjoni sar mill-appellant stess bhala persuna licenzjata mit-Transport Malta bhala Tester mentri Aaron Muscat huwa l-persuna li kien qed jassistih izda t-test per se sar mill-appellant kif ser jigi ampjament ippruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.*

5. *Illi t-Test tal-VRT gie segwit mill-esponent skont il-prassi u qed jgii kkontesta bis-shih dak allegat mill-Awtorita' fid-decizjoni tieghu.*

*Ghaldaqstat ghar-ragunijiet premessi u ghal dawk ir-ragunijiet kollha li ser jirrizultaw waqt it-trattazzjoni ta' dan ir-rikors, l-esponenti qieghed umilment jitlob illi dan l-Onorabbli Tribunal joghgbu jirrevoka in toto d-decizjoni tal-Bord datata 2 ta' Frar, 2016 fuq indikata."*

Ra r-risposta tal-**Awtorita` intimata** ipprezentata fit-2 ta' Marzu 2016;

"

1. *Illi l-appell interpost huwa kompletament infondat fil-fatt u fid-dritt u ghandu jigi michud bl-ispejjez stante illi d-decizjoni mehuda mill-Awtorita' rispondenti kienet wahda gusta, korretta u skond il-ligi.*

2. *Illi assolutament mhuwiex minnu dak li qed jigi allegat mill-appellant li l-VRT test fuq il-vettura tal-ghamla BMW bin-numru ta' registrazzjoni 'AFG-003' sar in osservanza tal-ligi; ghall-kuntrarju da nil-VRT test gie kondott minn Aaron Muscat, iben l-appellant, illi m'ghandux licenzja ta' tester mahruga a tenur tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.15, u dan kif se jigi ampjament ippruvat waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza, u dan kien l-ennezimu kaz ta' abbuz kommess da parti tal-appellant. "*

Ra d-dokumenti ipprezentati;

Sema' x-xhieda prodotti mill-partijiet;

Ra n-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrent;

Ra li r-rikors gie mholli ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidra:**

Illi r-rikorrent hassu aggravat b'decizjoni tal-Awtorita` intimata datata 2 ta' Frar 2016 li permezz taghha gie infurmat li kienet qieghda tigi imposta fuqu multa ta' hdax-il elf ewro (€11,000) u elf punt ta' penali in vista li fil-VRT *station* tieghu kien sar *vehicle roadworthy test* minn persuna li ma kienx *tester* registrat mal-istess Awtorita`.

**Ir-rikorrent** xehed illi huwa jopera VRT *station* u li mieghu ghandu t-tifel tieghu bhala impjegat. Ir-rwol tat-tifel tieghu hu li jghinu jittestja l-karozzi bhal perezempju jdawwarlu l-*isteering* u jaghfas il-brejkijiet. Jghid li fil-gurnata in kwistjoni kienet marret persuna ta' nazzjonalita` Taljana b'vettura tat-tip BMW biex isirilha l-VRT. Jispjega li peress li kien qed ihossu ma jiflahx, wara li lestielu l-VRT, qal lit-tifel tieghu biex johroglu l-*print out* tar-rizultat sakemm hu mar sal-ispizerija biex jixtri xi medicina. Jghid li wara li hareg, sar jaf li saret spezzjoni da parti tal-ufficjali tal-Awtorita` intimata u meta staqsew lil dan it-Taljan min kien ghamillu t-test huwa qalilhom in-nies tas-soltu.

Jispjega li meta rega' wasal fil-VRT *station* sab lill-ufficjali tal-Awtorita` u kif dahal staqsewh jekk kienx hu li ghamel it-test fuq il-BMW, li sadattant kienet telqet minn fuq il-post, u huwa wegibhom fl-affermattiv. Mistoqsi mill-ufficjali x'kulur kienet il-BMW huwa wiegeb li kienet ta' kulur blue pero` spjega li mbaghad qalilhom li kienet bajda. Jispejga li l-ufficjali kienu hasduh u li kien ghalhekk li tfixkel.

In kontro-ezami cahad illi kien ibnu li ghamel it-test tal-BMW. Jghid li wara li lesta t-test fuq il-BMW huwa mar in-Naxxar bil-mutur tieghu. Huwa mar il-klinika ta' Dr. Deguara pero` siccome` kien hemm hafna nies ma qaghadx u mar l-ispizerija. Jghid li l-mutur dak il-hin tah xi problema wkoll biex jistartja. Jghid li l-mobile kien hallih warajh fil-garage u ghalhekk ma seta' jcempillu hadd.

**Aaron Muscat** spjega illi huwa jahdem ma' missieru jassistih fil-VRT. Jghid li dakinhar li sar it-test fuq il-BMW missieru kien qed ihossu ma jiflahx u wara li tlesta t-test u peress li ma kienx hemm nies ohra jistennew, missieru qallu li kien se jmur sal-polyclinic malajr. Jispjega li wara li telaq missieru kien mar klijent iehor u talbu jistenna ftit sakemm jirritorna missieru. Wara ftit rega' dahal it-Taljan, sid il-BMW, u infurmah li kienu waqqfuh l-ufficjali tal-Awtorita`. Jispjega li hu kien jafu minn qabel lill-ufficjal tal-Awtorita` Joe Mifsud. Jghid li Mifsud beda jkellem lit-Taljan u lilu talbu karta u biro. Semghu jitlob lit-Taljan jiffirma l-istess karta. Sussegwentement wasal missieru.

In kontro-ezami xehed illi missieru dam ma rritorna xi tliet kwarti wara li telaq. Jghid li huwa pprova jcempillu pero` ma qabadx il-mobile. Jghid li Joe Mifsud kellem lit-Taljan barra fit-triq, faccata tal-garage u li ghalkemm seta' jarahom ma setghax jisma' x'kien qieghed jinghad bejn Mifsud u t-Taljan, pero`, nduna li Mifsud qal lit-Taljan biex jiffirma l-karta mill-mossi. Jghid li qabel talbu l-karta Joe Mifsud staqsa lit-Taljan, bil-lingwa Taljana, jekk kienx hu li ghamillu t-test pero` t-Taljan ma wegbux u wara hargu barra. Sussegwentement jghid pero` li t-Taljan indika lilu bhala l-persuna li ghamlitlu t-test.

**Salvatore Gennaro** xehed illi huwa proprjetarju tal-vettura BMW bin-numru ta' registrazzjoni AFG 003. Jispjega li fid-data in kwistjoni huwa mar bil-vettura tieghu ghand ir-rikorrent u sab lir-rikorrent u lit-tifel tieghu. Ir-rikorrent ghamillu t-test filwaqt li t-tifel tieghu kien qieghed jghinu. Jghid li kif spicca t-test ir-rikorrent qallu biex ihallas lit-tifel tieghu u telaq mil-garage. Jghid li kif hareg mill-garage waqqfuh xi ufficjali tal-Awtorita` u regghu marru lejn il-garage. Jghid li ma tantx bdew jiftehmu ghax huma bdew jitkellmu bil-Malti u bl-Ingliz. Jghid li peress li kien mghaggel huwa ffirma dak li qalulu pero` ma jafx x'iffirma.

In kontro-ezami Gennaro spjega illi huwa ma kienx jaf x'jismu l-missier u ibnu. Jghid li l-ufficjal tal-Awtorita` qallu biex jikteb li kien Aaron li ghamel it-test u hu hekk ghamel. Jghid li pero` kien il-missier li ghamillu l-VRT. Jghid li meta l-ufficjali staqsewh min kien ghamillu t-test huwa qalilhom li kien persuna ta' xi erbghin/hamsin sena u li kien qarghi. Jghid li hu ffirma dokument fejn gie indikat li Aaron kien ghamillu t-test ghax kien mghaggel u ried jitlaq.

**George Farrugia**, *Principal Technical Officer* mal-Awtorita` intimata, stqarr illi fil-21 ta' Jannar 2016 huwa u l-kollega tieghu Joe Mifsud ghamlu spezzjoni fil-VRT *station* tar-rikorrent fil-Gharghur. Maghhom kien hemm ukoll l-ufficjali tal-infurzar Vince Micallef u Angelo Caruana.

Jghid li huma waslu fuq il-post ftit wara d-9am u ftit tal-hin wara harget il-vettura BMW mill-garage tar-rikorrent. L-ufficjali tal-infurzar avvicinaw lix-xufier u talbuh jerga' jmur fil-VRT *station.* Jghid li meta waslu fil-VRT *station* huma sabu biss lit-tifel tar-rikorrent. Jispjega li Joe Mifsud kien dahal fil-garage ftit qablu peress li hu mar jipparkja l-vettura. Joe Mifsud staqsa bit-Taljan lil sid il-vettura min kien ghamillu l-VRT u dan wiegbu li kien Aaron Muscat. Ghalhekk Joe Mifsud ha d-dettalji tal-vettura u ta' sid il-vettura u s-sid stess nizzel fuq l-istess karta "*Aaron Test fatto da Aaron Muscat*" u ffirmaha. Jispjega li mhux veru li sid il-vettura kien mghaggel ghax dan ghamel cirka tlett kwarti jistenna lil sid il-vettura jirritorna. Pero` x'hin ghadda hafna hin qalulu li seta' jitlaq.

Jghid li sakemm hu u l-ufficjali l-ohra kienu barra qabel ma dehret il-BMW, hadd minnhom ma ra lil hadd hiereg mill-VRT *station* u li kieku r-rikorrent hareg minn hemm kienu jarawh. Sussegwentement wasal ir-rikorrent u Joe Mifsud staqsih x'kulur kienet l-ahhar vettura li ttestja u hu wiegeb *metallic blue* u li l-ahhar vettura kienet ingabet minn certu Clayton. Wara dan Joe Mifsud widdeb lir-rikorrent li ma setghax ihalli lit-tifel wahdu jaghmel it-testijiet u r-rikorrent qallu li kienet emergenza pero` ma cahadx illi huwa ma kienx qieghed

hemm waqt it-test tal-BMW. Jghid li waqt li kienu fuq il-post kien hemm ukoll certu Albert Bonnici li nfurmahom li kien ilu jistenna lir-rikorrent mid-9am.

In kontro-ezami jispjega illi huma kienu waslu fuq il-post tal-osservazzjoni cirka xi kwarta qabel ma harget il-BMW. Jispjega li minn fejn kienu seta' jara kemm karozza u kemm bniedem dehlin u hergin mill-garage. Jghid li meta twaqqfet il-BMW u marru fil-garage kien hemm ragel jistenna u t-tifel tar-rikorrent. Jispjega li t-Taljan kien indika lil Aaron li kien ghamillu t-test. Jghid li waqt li kien hemm hu t-Taljan ma semmiex li t-test ghamilhulu persuna ta' cirka erbghin sena bla xaghar tant li kitiblu fuq bicca karta li t-test kien ghamilulu Aaron. Jghid li wara Aaron qalilhom li missieru hassu ma jiflahx u mar jixtri xi haga. Jispjega li meta gie r-rikorrent qalilhom li kien hassu ma jiflahx u mar jixtri xi haga. Ic-certifikat tal-VRT li suppost jinghata lil sid il-karozza li tkun ghada kemm ghaddiet minn VRT ma ntalabx mill-ufficjali tal-Awtorita`.

**Joseph Mifsud**, *Assistant Manager* mal-Awtorita` intimata, spjega illi fid-data in kwistjoni kien flimkien ma' George Farrugia biex jaghmlu *covert inspection* fil-VRT *station* tar-rikorrent. Maghhom kien hemm ukoll zewg ufficjali tal-infurzar. Meta harget il-BMW mill-garage, l-ufficjali tal-infurzar avvicinaw lix-xufier u qalulu biex jerga' jidhol fil-garage. Jghid li malli hu dahal fil-garage ra biss lil Aaron Muscat. Ghalhekk staqsa lil sid il-BMW, li kien Taljan, jekk it-test kienx sar minn Aaron u hu wiegbu fil-pozittiv. Jghid li l-mistoqsija ghamilielu darbtejn u d-darbtejn wiegeb li kien Aaron li ghamillu t-test. Ghalhekk hu talab karta lil Aaron Muscat li fuqha kiteb id-dettalji tal-vettura u ta' sidha u kiteb ukoll li t-test kien spicca fid-9.20am. Huwa staqsa lit-Taljan setghax jikkonferma bil-miktub u sid il-vettura kiteb "*Test fatto da Aaron Muscat"* u ffirmaha. Sadanittant Aaron Muscat beda jcempel lil missieru u x'hin rah jikteb fuq il-karta beda jghid lit-Taljan li x'hin sar it-test kienu tnejn u t-Taljan beda jdawwar id-diskors pero` fl-ebda hin ma talbu ihassar dak li kien ghadu kemm kiteb. Jispjega li fil-VRT *station* kien hemm persuna ohra tistenna li qaltilhom li kienet ilha mid-9am tistenna lir-rikorrent. Meta wasal ir-rikorrent huwa staqsih x'kien il-kulur tal-ahhar vettura li ttestja u hu wiegbu li kien *metallic blue*. Staqsih ukoll min kien hadha ghat-test u hu wiegeb li kien certu Clayton. Ghalhekk hu wissa lir-rikorrent li ma setghax ihalli lit-tifel wahdu jaghmel it-testijiet. Jispjega li sakemm harget il-BMW mill-garage huwa ma ra lil hadd iktar hiereg mill-garage.

Illi sar konfront bejn Joseph Mifsud u Salvatore Gennaro fejn Joseph Mifsud rega' sostna illi Gennaro, meta mistoqsi min kien ghamillu t-test kien wiegeb li kien Aaron u ippunta subajgh lejn Aaron li kien prezenti. Gennaro min-naha l-ohra jghid Mifsud staqsih biex jiddeskrivilu min kien ghamillu t-test.

In kontro-ezami Joseph Mifsud spjega illi minn fejn kien stazzjonat qabel gie mwaqqaf Gennaro seta' jara sew min hiereg u min diehel fil-garage tar-rikorrent. Mistoqsi jekk lil Gennaro talbuhx ghac-certifikat tal-VRT jghid li le. Jghid li ghall-Awtorita` l-importanti huwa t-test report li tircievi ghaliex vettura tista' tfalli t-test u t-tester jista' xorta jikteb *"pass"* fuq ic-certifikat li jaghti lill-klijent. Jghid li skond ir-rapport taghhom li jintbghat awtomatikament mis-sistema, il-vettura in kwisjtoni ghaddiet mit-test fid-9.15am. Jispjega li din ma kinitx l-ewwel darba illi kienu sabu lir-rikorrent mhux fl-*istation*.

**Albert Bonnici** jghid li fil-gurnata in kwistjoni f'xi d-9.00am kien mar il-garage tar-rikorrent biex jaghmel *re-test*. Jghid li meta wasal sabu jaghmel VRT ta' xi hadd iehor u kif kien imissu hu talbu jistennieh ghax kienet inqalghatlu qadja. Jispjega li meta gew l-ufficjali tal-Awtorita` qalilhom li kien qed jistenna biex jaghmel il-VRT pero` ma jafx talbuhx l-indirizz tieghu.

In kontro-ezami spjega illi huwa kien infurmat mir-rikorrent biex jitla' jixhed. Lanqas jaf jekk il-persuna li kienet qieghda taghmel il-VRT qablu kinitx irritornat mal-ufficjali tal-Awtorita`. Mistoqsi jekk id-dettalji personali tieghu u li kien ha Joseph Mifsud kinux tieghu, ix-xhud wiegeb li iva u li x'hin hadulu dawk id-dettalji r-rikorrenti kien prezenti. Pero` sussegwentement jghid li ma jafx kienx ghadu wasal.

**Ikkunsidra:**

Illi l-Awtorita` intimata imponiet multa amministrattiva ta' hdax-il elf (€11,000) ewro u elf (1000) punt ta' penali fuq ir-rikorrenti *qua* operatur ta' Paul Muscat VRT Station stante li li allegatament fl-*istation* in kwistjoni sar VRT minn persuna li ma kinitx *tester* licenzjat, u cioe` mit-tifel tar-rikorrent Aaron Muscat.

Illi l-Awtorita` intimata imponiet din il-penali u multa ai termini tar-Regolament 21 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.15 li tghid is-segwenti:-

*"1.(1) Operatur li jonqos li jħares il-kondizzjonijiet ta' kuntratt għall-operaturi taħt dawn ir-regolamenti u persuna li tittestja li tonqos milli tħares il-kondizzjonijiet li jinsabu f'dawn ir-regolamenti għall-persuni li jkollhom liċenza biex jittestjaw, ikunu qed jikkontravjenu l-kondizzjonijiet imsemmija u jeħlu l-punti ta' penalità u l-multi amministrattivi mniżżla fit-Tnax-il Skeda...*

*(4) Il-multa amministrattiva għandha tkun ħdax-il euro (€11)għal kull punt ta' penalità li jitnaqqas lill-operatur."*

Illi skond Partita 6 tat-Tnax-il Skeda msemmija hawn fuq, operatur li jippermetti li *test* isir minn persuna li ma tkunx registrata biex tittestja jehel elf punt (1000) penali li allura jsarrfu ghall-multa imposta fuq ir-rikorrent.

Illi din il-multa u penali jirriflettu l-gravita` ta' tali nuqqas u bir-ragun ghaliex biex l-Awtorita` intimata taghti l-licenzja ghal *tester* tkun ghamlet l-*assessment* appozitu tieghu u wkoll l-istess ikollu certi obbligi versu l-istess Awtorita` biex iwettaq xogholu kif suppost.

Illi issa f'din il-kawza jezistu zewg verzjonijiet konfliggenti, u cioe` fuq naha wahda dik tar-rikorrent, ibnu u x-xhieda mressqa minnu, u fuq in-naha l-ohra dik tal-ufficjali tal-Awtorita` intimata li wettqu l-ispezzjoni in kwisjtoni.

Filwaqt li r-rikorrent u ibnu jghidu li r-rikorrent ghamel it-test fuq il-vettura in kwistjoni u kien biss wara li lesta l-VRT li telaq minn fuq il-post ghax kien ma jiflahx, min-naha l-ohra l-ufficjali tal-Awtorita` intimata jghidu li huma kienu qeghdin ghassa u ma raw lil hadd hiereg mill-garage tar-rikorrenti qabel harget il-vettura li huwa waqqfu.

Illi ghalhekk it-Tribunal ghandu quddiemu kwistjoni ta' kredibilita`. Filwaqt li r-rikorrent jghid li mar ghand it-tabib, sablu hafna nies u wara mar jixtri ghand spizerija, l-Awtorita` intimata ssostni li hu ma kienx fil-garage meta sar it-test izda li kien ibnu Aaron Muscat li ghamel it-test. Illi waqt il-proceduri qam dibattitu shih dwar jekk l-ufficjali tal-Awtorita` intimata talbux lil sid il-vettura li giet imwaqqfa, certu Salvatore Gennaro, biex jurihom il-kopja tac-certifikat tal-VRT li fuqu suppost kien iffirma r-rikorrenti. L-ufficjali wiegbu li dan ic-certifikat ma kienx intalab. Pero` t-Tribunal jirrileva li ma kien hemm xejn x'jostakola lir-rikorrent milli jipproducih hu stess dan ic-certifikat jekk kien fil-fatt gie ffirmat minnu u *a tempro vergine* kien ghadu fil-pussess ta' Salvatore Gennaro. Bhal ma ma kellu xejn x'izommu milli juri *a tempo vergine,* jew quddiem din il-Qorti, r-ricevuta tal-medicina li allegatament kien ghadu kemm xtara minghand l-ispizjar. Illi skond ir-rikorrent huwa mar ghand it-tabib, sablu n-nies u telaq 'l hemm, pero` meta hareg mill-klinika tat-tabib il-mutur ma setghax jistarjalu pero` ma setghax icempel lil ibnu ghax ma kellux *mobile* fuqu. It-Tribunal jinnota wkoll illi meta r-rikorrent wasal fil-garage u gie mistoqsi mill-ufficjal tal-Awtorita` x'kulur kienet l-ahhar karozza li ttestja huwa qalilhom li kienet ta' lewn blue meta fil-fatt il-vettura li huma waqqfu kienet ta' kulur abjad.

Illi iktar minn hekk, jirrizulta illi Joe Mifsud, l-ufficjal tal-Awtorita`, meta staqsa lil Salvatore Gennaro min kien ghamillu l-VRT, dan wiegbu li kien ghamilulu t-tifel tar-rikorrent, anke jekk quddiem il-Qorti Gennaro bidel il-verzjoni u qal li ffirma dokument moghti lilu minn Joe Mifsud ghax kien

mghaggel. Illi dan it-Tribunal ma jemminx li dan kien il-kaz. Illi jirrizulta illi Joe Mifsud kien qieghed jindaga x'gara u ma garax u ma sforza lil hadd jaghmel dikjarazzjoni. Illi ghalhekk it-Tribunal huwa tal-fehma illi *a tempo vergine* Gennaro qal il-verita` u dak dikjarat fuq il-karta esebita minn Joe Mifsud fil-fatt tirrifletti dan. It-Tribunal jifhem illi wara li r-rikorrenti ircieva d-decizjoni tal-Awtorita` intimata rega' kellem lil Gennaro u lix-xhud l-iehor Bonnici u ghalhekk ix-xhieda taghhom quddiem dan it-Tribunal ghandha tittiehed in konsiderazzjoni b'certa kawtela.

Illi dan it-Tribunal m'ghandux ghalfejn jiddubita mill-verzjoni moghtija mill-ufficjali Joe Mifsud u George Farrugia u dan anke fid-dawl li l-verzjoni moghtija mir-rikorrent ma hix wahda kredibbli. Illi kieku l-verzjoni tar-rikorrent ghandha mis-sewwa ma kien hemm xejn x'izommu bhal perezempju juri, *a tempo vergine,* l-medicina li suppost kien ghadu kemm xtara lill-ufficjali tal-Awtorita`. Minn dan kollu m'ghamel xejn, anzi tfixkel x'kulur kienet l-ahhar vettura li huwa kien ittestja. It-Tribunal jifhem illi r-rikorrent jittestja bosta vetturi kuljum imma mhux impossibbli wiehed jiftakar il-kulur tal-ahhar vettura li kien ittestja siegha qabel jekk warajha ma kien ittestja l-ebda vettura ohra.

Ghaldaqstant it-Tribuna huwa tal-fehma illi d-decizjoni appellata hija wahda gusta.

**DECIDE**

Ghaldaqstant, it-Tribunal, ghar-ragunijiet hawn fuq moghtija qieghed jichad l-appell tar-rikorrent u jilqa' r-risposta tal-Awtorita` intimata.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrent.

____________________

**Dr. Charmaine Galea**
**President tat-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva**

**Diane Gatt**
**Deputat Registratur**